

għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3) — Rimbors jew tnaqqis tad-dazji għall-importazzjoni — Possibbiltà għal Stat Membru li jiddeċiedi huwa stess fuq talba għal rimbors — Kunċett ta' "sitwazzjoni partikolari" fis-sens tal-Artikolu 239(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 — Importatur Komunitarju eskluż mill-kwota tariffarja li d-data ta' ħruġ tagħha huwa l-Ħadd, peress illi l-uffiċċji doganali nazzjonali kienu magħluqa

### Dispożittiv

- (1) L-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2007, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux li l-Kummissjoni Ewropea tista' tieħu deċiżjoni li teskludi lil operatur minn kwota tariffarja minħabba l-fatt li din il-kwota ġiet eżawrita fl-istess jum tal-ftuħ tagħha li tkun il-Ħadd, jum ta' għeluq tal-uffiċċji doganali fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-operatur inkwistjoni.
- (2) L-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 214/2007, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jimponux fuq Stat Membru li jitlob lill-Kummissjoni Ewropea s-sospensjoni ta' kwota tariffarja sabiex tiżgura t-trattament ekwu u nondiskriminatorju tal-importaturi meta l-ftuħ ta' din il-kwota tariffarja tkun il-Ħadd, jum li fih l-uffiċċji doganali fl-Istat Membru kkonċernat ikunu magħluqa, u meta hemm ir-riskju li l-imsemmija kwota tiġi eżawrita fl-istess jum tal-ftuħ tagħha peress li l-uffiċċji doganali fi Stati Membri oħra jkunu miftuħa fil-Ħdud.
- (3) F'każijiet oħra minbarra dawk previsti fl-Artikolu 899(1) tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 214/2007, l-awtorità doganali ta' Stat Membru hija kompetenti li tiddeċiedi fuq it-talba għar-rimbors previst fl-Artikolu 239(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006, meta din l-awtorità tikkunsidra li l-ebda irregolarità ma tista' tiġi attribwita lill-Kummissjoni Ewropea u li t-talba inkwistjoni ma taqa' fl-ebda wieheċ mill-każijiet previsti fl-Artikolu 905(1) tal-imsemmi Regolament Nru 2454/93.
- (4) L-Artikolu 239 tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jipprovdri għall-esklużjoni ta' importatur tal-Unjoni Ewropea ta' kwota tariffarja fejn id-data tal-ftuħ tkun il-Ħadd minħabba l-għeluq fil-Ħdud tal-uffiċċji doganali fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit dan l-importatur.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-17 ta' Frar 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Hoge Raad der Nederlanden — L-Olanda) — Staatssecretaris van Financiën vs Marishipping and Transport BV**

(Kawża C-11/10) <sup>(1)</sup>

**(“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KEE) Nru 2658/87 — Tariffa Doganali Komuni — Dazji doganali — Eżenzjoni — Sustanzi farmaċewtiċi — Kompożizzjoni — Restrizzjonijiet”)**

(2011/C 103/10)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staatssecretaris van Financiën

Konvenuta: Marishipping and Transport BV

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden — Il-Pajjiżi l-Baxxi — Interpretazzjoni tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382) — Sustanzi farmaċewtiċi eżenti mid-dazju — Sustanza mhux ippreżentata fil-forma pura tagħha — Restrizzjonijiet

### Dispożittiv

L-Ewwel Parti, Taqsima II, Ċ, punt 1(i) tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 2031/2001, tas-6 ta' Awwissu 2001, u 1832/2002, tal-1 ta' Awwissu 2002 rispettivament, għandha tiġi interpretata fis-sens li sustanza farmaċewtika, li tinsab fil-lista ta' sustanzi msemmija fl-Anness 3 tat-Tielet Parti tal-istess Anness I, li kienet ġiet miżjuda b'sustanzi oħra, b'mod partikolari farmaċewtiċi, ma tistax tibbenefika iktar mill-eżenzjoni mid-dazji doganali li kienet tkun applikabbli jekk tali sustanza kienet fil-forma pura tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 24, 31.1.2010.

<sup>(1)</sup> ĠU C 80, 27.3.2010.